**Artikolu 7 – paragrafu 6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

6. L-iskambju tal-informazzjoni taħt dan l-Artikolu jista' jsir bl-użu tal-mezzi eżistenti għall-kooperazzjoni tal-infurzar tal-liġi internazzjonali. Il-lingwa użata għat-talba u l-iskambju tal-informazzjoni għandha tkun waħda applikabbli għall-mezz użat. Meta jagħmlu n-notifiki tagħhom skont l-Artikolu 3(3), l-Istati Membri għandhom ukoll jinfurmaw il-Kummissjoni bid-dettalji tal-kuntatti, lil min jistgħu jintbagħtu t-talbiet f'każ ta' urġenza. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika n-notifiki riċevuti lill-Istati Membri.

*Emenda*

6. L-iskambju tal-informazzjoni taħt dan l-Artikolu jista' jsir bl-użu tal-mezzi eżistenti għall-kooperazzjoni tal-infurzar tal-liġi Ewropea u internazzjonali, b'mod partikolari l-Europol u l-unitajiet nazzjonali skont l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI tas-6 ta' April 2009 li jistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (**Europol**)<sup>1 a</sup>. Il-lingwa użata għat-talba u l-iskambju tal-informazzjoni għandha tkun waħda applikabbli għall-mezz użat. Meta jagħmlu n-notifiki tagħhom skont l-Artikolu 3(3), l-Istati Membri għandhom ukoll jinfurmaw il-Kummissjoni bid-dettalji tal-kuntatti, lil

min jistgħu jintbagħtu t-talbiet f'każ ta' urġenza. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika n-notifiki riċevuti lill-Istati Membri.

---

*1<sup>a</sup> ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37*

Or. en

**Emenda 535**  
**Kashetu Kyenge, Miltiadis Kyrkos**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 7 – paragrafu 6a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**6a. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 4a u 4(4a) għandhom japplikaw kif xieraq.**

Or. en

**Emenda 536**  
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Elissavet Vozemberg, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Rachida Dati, Heinz K. Becker, Kinga Gál, Tomáš Zdechovský, Barbara Matera, Mariya Gabriel, Michał Boni, Emil Radev, Artis Pabriks, Frank Engel, Anna Maria Corazza Bildt, Andrea Bocskor, Roberta Metsola, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 7 – paragrafu 6a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**6a. L-Unitajiet tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri għandhom jistabbilixxu l-possibilità li l-Europol jitlob aċċess għad-dejta tal-PNR.**

Or. en

**Emenda 537**  
**Anna Maria Corazza Bildt**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 7 – paragrafu 6a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**6a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Unitajiet tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri tagħhom, sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom kif stipulat mill-Artikolu 4(2)(c), għandhom jikkooperaw fl-applikazzjoni ta' teknoloġiji intelliġenti anke permezz tal-Europol, bl-użu ta' teknoloġiji li jippermettu lill-Unitajiet tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri u l-Europol biex jikkombinaw id-dejta tagħhom ma' dik ta' Unitajiet tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri l-oħra billi jiżguraw il-protezzjoni sħiħa tad-dejta personali bil-għan li tkun analizzata d-dejta skont l-Artikolu 4(2)(c).**

Or. en

**Emenda 538**  
**Sophia in 't Veld, Cecilia Wikström, Nathalie Griesbeck**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 7 – paragrafu 6a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**6a. L-iskambju tal-infurmazzjoni taħt dan l-Artikolu jista' jsir bl-użu tal-mezzi eżistenti għall-kooperazzjoni tal-infurzar tal-liġi internazzjonali. Il-lingwa użata għat-talba u l-iskambju tal-infurmazzjoni għandha tkun waħda applikabbli għall-mezz użat.**

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Relatata ma' tibdil fir-Regolament.*

**Emenda 539**

**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Elissavet Vozemberg, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Rachida Dati, Heinz K. Becker, Tomáš Zdechovský, Barbara Matera, Mariya Gabriel, Michał Boni, Artis Pabriks, Frank Engel, Roberta Metsola, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 7 – paragrafu 6b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***6b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Unitajiet tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri tagħhom, sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom kif stipulat mill-Artikolu 4(2)(c), għandhom jikkooperaw fl-applikazzjoni ta' teknoloġiji intelliġenti anke permezz tal-Europol, bl-użu ta' teknoloġiji li jippermettu lill-Unitajiet tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri u l-Europol biex jikkombinaw id-dejta tagħhom ma' dik ta' Unitajiet tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri l-oħra billi jiżguraw il-protezzjoni sħiħa tad-dejta personali bil-għan li tkun analizzata d-dejta skont l-Artikolu 4(2)(c).***

Or. en

**Emenda 540**

**Kashetu Kyenge, Miltiadis Kyrkos**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 7a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Artikolu 7a***

***Kundizzjonijiet għall-aċċess għal dejta tal-PNR mill-Europol***

***1. Il-Europol jista' jressaq, fuq bażi ta' każ b'każ, talba elettroniku u dovutament raġunata lill-Unità tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' kwalunkwe Stat Membru għat-trażmissjoni ta' dejta tal-PNR speċifika u r-riżultati tal-iproċessar ta' dejta tal-PNR speċifika, meta din tkun strettament meħtieġa biex tappoġġa u ssaħħa azzjoni mill-Istati Membri fil-prevenzjoni tal-iskoperta jew tal-investigazzjoni ta' reat terroristiku speċifiku jew ta' delitt transnazzjonali serju msemmi fl-Anness II sakemm dan ir-reat ma jkunx kopert mill-kompetenzi tal-Europol skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI. It-talba motivata għandha tistipula raġunijiet validi għall-kunsiderazzjoni li t-trażmissjoni tad-dejta tal-PNR jew ir-riżultati tal-iproċessar tad-dejta tal-PNR jistgħu jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-prevenzjoni, l-iskoperta jew il-prosekuzzjoni tar-reat kriminali in kwistjoni.***

***2. Mal-irċevuta ta' talba mill-Europol, qorti jew entità amministrattiva indipendenti ta' Stat Membru għandha tivverifika, fi żmien xieraq, jekk il-kundizzjonijiet kollha elenkati fil-paragrafu 1 twettqux, l-Unità tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri għandhom jipprovdu d-dejta mitluba mill-Europol hekk kif ikun prattikabbli.***

***3. Il-Europol għandu jinforma lill-Uffiċċjal għall-Protezzjoni tad-Data maħtur bi qbil mal-Artikolu 28 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI ta' kull skambju ta' informazzjoni skont dan l-Artikolu.***

***4. L-iskambju tal-informazzjoni taħt dan l-Artikolu għandha sseħħ bl-użu tal-Applikazzjoni ta' Netwerk Sikur għall-Iskambju ta' Informazzjoni pprovdut mill-Europol bi qbil mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI. Il-lingwa użata għat-talba***

*u l-iskambju tal-informazzjoni għandha tkun waħda applikabbli għall-mezz użat għan-netwerk sikur ta' skambju tal-informazzjoni pprovdut mill-Europol.*

Or. en

**Emenda 541**  
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 7a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Artikolu 7a*

***Kundizzjonijiet għall-aċċess għal dejta tal-PNR mill-Europol***

***1. Il-Europol jista' jressaq, fuq bażi ta' każ b'każ, talba elettroniku u dovutament raġunata lill-Unità tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' kwalunkwe Stat Membru għat-trażmissjoni ta' dejta tal-PNR speċifika u r-riżultati tal-iproċessar ta' dejta tal-PNR speċifika, meta din tkun strettament meħtieġa biex tappoġġa u ssaħħaħ azzjoni mill-Istati Membri fil-prevenzjoni tal-iskoperta jew tal-investigazzjoni ta' reat terroristiku speċifiku jew ta' delitt transnazzjonali serju msemmi fl-Anness II sakemm dan ir-reat ma jkunx kopert mill-kompetenzi tal-Europol skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI. It-talba motivata għandha tistipula raġunijiet validi għall-kunsiderazzjoni li t-trażmissjoni tad-dejta tal-PNR jew ir-riżultati tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR jistgħu jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-prevenzjoni, l-iskoperta jew il-prosekuzzjoni tar-reat kriminali in kwistjoni.***

***2. Mal-irċevuta ta' talba mill-Europol, qorti jew entità amministrattiva indipendenti ta' Stat Membru għandha tivverifika, fi żmien xieraq, jekk il-***

*kondizzjonijiet kollha elenkati fil-paragrafu 1 twettqux. L-Unità tal- Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandhom jipprovdu d-dejta mitluba mill-Europol hekk kif ikun prattikabbli.*

*3. Il-Europol għandu jinforma lill-Uffiċċjal għall-Protezzjoni tad-Data maħtur bi qbil mal-Artikolu 28 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI ta' kull skambju ta' informazzjoni skont dan l-Artikolu.*

*4. L-iskambju tal-informazzjoni taħt dan l-Artikolu għandha sseħħ bl-użu tal-Applikazzjoni ta' Netwerk Sikur għall-Iskambju ta' Informazzjoni pprovdut mill-Europol bi qbil mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI. Il-lingwa użata għat-talba u l-iskambju tal-informazzjoni għandha tkun waħda applikabbli għall-mezz użat għan-netwerk sikur ta' skambju tal-informazzjoni pprovdut mill-Europol.*

Or. fr

**Emenda 542**  
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Stat Membru jista' jittrasferixxi **dejta tal-PNR** u r-riżultati tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR lil pajjiż terz, fuq il-bażi ta' każ b'każ biss u jekk:

*Emenda*

Stat Membru jista' jittrasferixxi r-riżultati tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR lil pajjiż terz, fuq il-bażi ta' każ b'każ biss u jekk:

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Kwalunkwe analiżi tad-dejta tal-PNR għandha titwettaq mill-Unitajiet tal- Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-Istati Membri biss. Pajjiżi terzi jistgħu jitolbu r-riżultati ta' tali proċessar.*

**Emenda 543**  
**Cornelia Ernst**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Stat Membru jista' jittrasferixxi dejta tal-PNR u r-riżultati tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR lil pajjiż terz, fuq il-bażi ta' każ b'każ biss **u** jekk:

*Emenda*

Stat Membru jista' jittrasferixxi dejta tal-PNR u r-riżultati tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR lil pajjiż terz, fuq il-bażi ta' każ b'każ biss jekk:

Or. en

**Emenda 544**  
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Stat Membru jista' jittrasferixxi dejta tal-PNR u r-riżultati tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR lil pajjiż terz, fuq il-bażi ta' każ b'każ biss **u jekk**:

*Emenda*

Stat Membru jista' jittrasferixxi dejta tal-PNR u r-riżultati tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR lil pajjiż terz, fuq il-bażi ta' każ b'każ biss **u wara li tiġi kkonsultata l-awtorità nazzjonali għall-protezzjoni tad-data**:

Or. it

**Emenda 545**  
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Elissavet Vozemberg, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Rachida Dati, Kinga Gál, Tomáš Zdechovský, Barbara Matera, Michał Boni, Artis Pabriks, Frank Engel, Anna Maria Corazza Bildt, Roberta Metsola, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – parti introduttorja**



*Test propost mill-Kummissjoni*

Stat Membru jista' jittrasferixxi dejta tal-PNR u r-riżultati tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR lil pajjiż terz, fuq il-bażi ta' każ b'każ biss u jekk:

*Emenda*

Stat Membru jista' jittrasferixxi dejta tal-PNR u r-riżultati tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR lil pajjiż terz, fuq il-bażi ta' każ b'każ biss u ***b'talba dovutament motivata bbażata fuq biżżejjed evidenza*** u jekk:

Or. en

**Emenda 546**

**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Stat Membru jista' jittrasferixxi dejta tal-PNR u r-riżultati tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR lil pajjiż terz, fuq il-bażi ta' każ b'każ biss u jekk:

*Emenda*

Stat Membru jista' jittrasferixxi dejta tal-PNR u r-riżultati tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR lil pajjiż terz ***fuq il-bażi ta' ftehim internazzjonali bejn l-Unjoni u dak il-pajjiż terz***, fuq il-bażi ta' każ b'każ biss u jekk:

Or. en

**Emenda 547**

**Birgit Sippel, Caterina Chinnici, Anna Hedh, Juan Fernando López Aguilar, Josef Weidenholzer, Tanja Fajon, Emilian Pavel**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Stat Membru jista' jittrasferixxi dejta tal-PNR u r-riżultati tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR lil pajjiż terz, fuq il-bażi ta' każ b'każ biss u jekk:

*Emenda*

Stat Membru jista' jittrasferixxi dejta tal-PNR u r-riżultati tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR lil pajjiż terz ***fuq il-bażi ta' ftehim internazzjonali bejn l-Unjoni u dak il-pajjiż terz***, fuq il-bażi ta' każ b'każ biss u jekk:

**Emenda 548**  
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt -a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(-a) t-talba ssir fuq il-bażi ta' Ftehim ma' dak il-pajjiż terz partikolari dwar l-iskambju tar-riżultati tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR; jew***

**Emenda 549**  
**Cornelia Ernst**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(a) jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet ippreżentati fl-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI,***

***imħassar***

**Emenda 550**  
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(a) jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet ippreżentati fl-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI,***

***imħassar***

*Ġustifikazzjoni*

*Regolament b'sistema ċentralizzata jippermetti biss il-qsim tar-riżultat ma' pajjiżi terzi fuq bażi ta' każ b'każ u abbażi ta' Ftehim speċifiku.*

**Emenda 551**

**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(a) jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet  
ippreżentati fl-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni  
Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI,***

***imħassar***

Or. en

**Emenda 552**

**Birgit Sippel, Caterina Chinnici, Anna Hedh, Juan Fernando López Aguilar, Josef Weidenholzer, Tanja Fajon, Emilian Pavel**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(a) jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet  
ippreżentati fl-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni  
Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI,***

***imħassar***

Or. en

**Emenda 553**

**Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Juan Fernando López Aguilar, Anna Hedh**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(a) jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet ippreżentati fl-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI,**

**(a) it-trasferiment ikun meħtieġ għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali;**

Or. en

#### **Emenda 554**

**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Elissavet Vozemberg, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Rachida Dati, Kinga Gál, Tomáš Zdechovský, Barbara Matera, Artis Pabriks, Frank Engel, Anna Maria Corazza Bildt, Roberta Metsola, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(a) jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet ippreżentati fl-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI,**

**(a) it-trasferiment ikun meħtieġ għall-finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, skoperta jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali, għall-prevenzjoni ta' theddid imminenti u serju lis-sigurtà pubblika jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali;**

Or. en

#### **Emenda 555**

**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**a) jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet ippreżentati fl-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI,**

**a) jitwettqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:**

*- tkun meħtieġa għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni, il-kxif jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali,*

*- l-awtorità destinatarja fl-Istat terz jew il-korp internazzjonali destinatarju huma responsabbli għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni, il-kxif jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali;*

*- l-Istat Membri li minnu jkun sar it-trasferiment tad-dejta jkun ta l-kunsens għat-trasferiment b'konformità mad-dritt nazzjonali, u*

*- l-Istat terz jew il-korp internazzjonali kkonċernat jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni għall-ipproċessar maħsub ta' data.*

Or. fr

**Emenda 556**  
**Cornelia Ernst**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(aa) it-trasferiment hu bbażat fuq ftehim internazzjonali bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiż terz.*

Or. en

**Emenda 557**  
**Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Juan Fernando López Aguilar, Anna Hedh**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(aa) l-awtorità destinatarja fil-pajjiż terz jew il-korp internazzjonali destinatarju huma responsabbli għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni, il-kxif jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali;*

Or. en

**Emenda 558**

**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Elissavet Vozemberg, Nadine Morano, Rachida Dati, Brice Hortefeux, Kinga Gál, Tomáš Zdechovský, Barbara Matera, Artis Pabriks, Frank Engel, Anna Maria Corazza Bildt, Roberta Metsola, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(aa) l-awtorità destinatarja fil-pajjiż terz jew il-korp internazzjonali destinatarju huma responsabbli għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni, l-iskoperta jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew il-prevenzjoni ta' theddid imminenti u serju għas-sigurtà pubblika jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali;*

Or. en

**Emenda 559**

**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(aa) jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet ippreżentati fid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' xx/xx/201x dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-awtoritajiet kompetenti għal finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, sejbien jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u l-moviment liberu ta' dik id-dejta, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni 108 għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku tad-Dejta Personali, u l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali;***

Or. en

**Emenda 560**  
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***aa) It-trasferiment mingħajr kunsens minn qabel skond il-paragrafu 1, punt c, għandu jkun permissibbli biss jekk it-trasferiment tad-data jkun essenzjali għall-prevenzjoni ta' theddida immedjata u serja għas-sigurtà pubblika ta' Stat Membru jew Stat terz jew għall-interessi essenzjali ta' Stat Membru u l-kunsens minn qabel ma jistax jinkiseb fi żmien debitu. L-awtorità responsabbli għall-għoti ta' kunsens għandha tkun informata mingħajr dewmien.***

Or. fr

**Emenda 561**

**Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Juan Fernando López Aguilar, Anna Hedh**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ab) L-Istat Memb ru li mingħandu nkisbet id-dejta ta l-kunsens tiegħu għat-trasferiment f'konformità mad-dritt nazzjonali tiegħu;*

Or. en

**Emenda 562**

**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Elissavet Vozemberg, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Rachida Dati, Kinga Gál, Tomáš Zdechovský, Barbara Matera, Michal Boni, Artis Pabriks, Frank Engel, Roberta Metsola, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ab) l-Istat Memb ru li mingħandu nkisbet id-dejta ta l-kunsens tiegħu għat-trasferiment f'konformità mad-dritt nazzjonali tiegħu;*

Or. en

**Emenda 563**

**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)**



*ab) L-adeqwatezza tal-livell ta' protezzjoni msemmi fil-paragrafu 1, għandha tkun ivvalutata fid-dawl taç-çirkostanzi kollha madwar operazzjoni tat-trasferiment tad-data jew sett ta' operazzjonijiet ta' trasferimenti tad-data. Għandha tingħata kunsiderazzjoni partikolari lin-natura tad-dejta, il-fini u t-tul ta' l-operazzjoni jew operazzjonijiet ta' pproçessar tad-data, l-Istat tal-oriġini u l-Istat jew l-organizzazzjoni internazzjonali tad-destinazzjoni finali tad-data, ir-regoli tal-liġi, kemm ġenerali u settorjali, fis-seħħ fl-Istat terz jew l-organizzazzjoni internazzjonali kkonċernata u r-regoli professjonali u l-miżuri ta' sigurtà applikabbli.*

Or. fr

**Emenda 564**

**Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Juan Fernando López Aguilar, Anna Hedh**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt ac (ġdid)**

*(ac) il-pajjiż terz jew il-korp internazzjonali kkonċernat jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni għall-ipproçessar maħsub ta' dejta; u wkoll*

Or. en

**Emenda 565**

**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Elissavet Vozemberg, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Rachida Dati, Kinga Gál, Tomáš Zdechovský, Barbara Matera, Michal Boni, Artis Pabriks, Frank Engel, Anna Maria Corazza Bildt, Roberta Metsola, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez**

**Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt ac (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ac) il-pajjiż terz jew il-korp  
internazzjonali kkonċernat jiżgura livell  
adegwat ta' protezzjoni għall-ipproċessar  
maħsub ta' dejta;***

Or. en

**Emenda 566  
Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(b) it-trasferiment huwa meħtieġ għall-  
iskopijiet ta' din id-Direttiva speċifikata  
fl-Artikolu 1(2), u***

***imħassar***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Relatata ma' tibdil fir-Regolament.*

**Emenda 567  
Cornelia Ernst**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(b) it-trasferiment huwa meħtieġ għall-  
iskopijiet ta' din id-Direttiva speċifikata fl-  
Artikolu 1(2), u***

***(b) it-trasferiment huwa meħtieġ għall-  
iskopijiet ta' din id-Direttiva speċifikata fl-  
Artikolu 1(2);***

**Emenda 568**  
**Kashetu Kyenge, Miltiadis Kyrkos**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) it-trasferiment huwa meħtieġ għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva speċifikata fl-Artikolu 1(2), u

*Emenda*

(b) it-trasferiment huwa meħtieġ ***strettament*** għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva speċifikata fl-Artikolu 1(2), u

**Emenda 569**  
**Birgit Sippel, Caterina Chinnici, Anna Hedh, Juan Fernando López Aguilar, Josef Weidenholzer, Tanja Fajon, Emilian Pavel**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) it-trasferiment huwa meħtieġ għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva speċifikata fl-Artikolu 1(2), ***u***

*Emenda*

(b) it-trasferiment huwa meħtieġ ***strettament*** għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva speċifikata fl-Artikolu 1(2);

**Emenda 570**  
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

b) it-trasferiment huwa meħtieġ għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva speċifikata fl-Artikolu 1(2), u

*Emenda*

b) it-trasferiment huwa ***strettament*** meħtieġ għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva speċifikata fl-Artikolu 1(2), u

**Emenda 571**  
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ba) It-trasferiment hu soġġett għal awtorizzazzjoni ġudizzjarja minn qabel minn qorti jew minn entità ġudizzjarja tal-Istat Membru destinatariju.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

**Emenda 572**  
**Sophia in 't Veld, Fredrick Federley**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(b a) it-trasferiment huwa meħtieġ u proporzjonali għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni, l-iskoperta, il-prosekuzzjoni ta' reati terroristiki u delitti transnazzjonali serji; u wkoll***

Or. en

**Emenda 573**  
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***ba) l-Unjoni kkonkludiet ftehim internazzjonali ma' dak il-pajjiż terz jew hi parti, flimkien ma' dak il-pajjiż terz, għal konvenzjoni internazzjonali li tipprovdi salvagwardji relatati mad-drittijiet fundamentali tal-passiġġieri, li jkunu kompatibbli mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva,***

Or. it

**Emenda 574**

**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***bb) il-pajjiż terz jiggerantixxi li se juża d-dejta biss fejn meħtieġ għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva speċifikati fl-Artikolu 1(2),***

Or. it

**Emenda 575**

**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt bc (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***bc) il-pajjiż terz jirrikonoxxi liċ-ċittadini tal-Unjoni l-istess drittijiet ta' aċċess, rettifika, tħassir u kumpens fir-rigward tad-dejta tal-PNR applikabbli fl-Unjoni, u wkoll***

Or. it

**Emenda 576**  
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(c) it-tielet pajjiż jaqbel li jitrasferixxi d-dejta lil pajjiż terz ieħor fil-każ biss li huwa meħtieġ għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva kif speċifikat fl-Artikolu 1(2) u biss bl-awtorizzazzjoni espressa tal-Istat Membru.*

*imħassar*

Or. en

**Emenda 577**  
**Cornelia Ernst**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(c) it-tielet pajjiż jaqbel li jitrasferixxi d-dejta lil pajjiż terz ieħor fil-każ biss li huwa meħtieġ għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva kif speċifikat fl-Artikolu 1(2) u biss bl-awtorizzazzjoni espressa tal-Istat Membru.*

*imħassar*

Or. en

**Emenda 578**  
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(c) it-tielet pajjiż jaqbel li jittrasferixxi d-dejta lil pajjiż terz ieħor fil-każ biss li huwa meħtieġ għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva kif speċifikat fl-Artikolu 1(2) u biss bl-awtorizzazzjoni espressa tal-Istat Membru.**

***imħassar***

Or. en

**Emenda 579**

**Birgit Sippel, Josef Weidenholzer, Tanja Fajon, Emilian Pavel**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(c) it-tielet pajjiż jaqbel li jittrasferixxi d-dejta lil pajjiż terz ieħor fil-każ biss li huwa meħtieġ għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva kif speċifikat fl-Artikolu 1(2) u biss bl-awtorizzazzjoni espressa tal-Istat Membru.**

***imħassar***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-pajjiż terz li jirċievi d-dejta għandu jaqbel li ma jittrasferix id-dejta tal-PNR u r-riżultati tal-iproċessar tad-dejta tal-PNR lil pajjiż ieħor. Din il-kondizzjoni hi elenkata fl-Artikolu 8 - paragrafu 1a (ġdid).*

**Emenda 580**

**Kristina Winberg**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(c) it-tielet pajjiż jaqbel li jittrasferixxi d-**

**(c) *Il-pajjiż terz jiggarantixxi li huwa se***

dejta ***lil pajjiż terz ieħor*** fil-każ biss li huwa meħtieġ għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva kif speċifikat ***fl-Artikolu 1(2) u biss bl-awtorizzazzjoni espressa tal-Istat Membru.***

***juża*** d-dejta fil-każ biss li huwa meħtieġ għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva kif speċifikat ***fl-Artikolu 1(2). It-trasferiment minn dan pajjiż terz għal pajjiż terz ieħor għandu jiġi pprojbit.***

Or. en

**Emenda 581**  
**Emil Radev**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) ***it-tielet pajjiż jaqbel*** li jitrasferixxi d-dejta lil pajjiż terz ieħor fil-każ biss li huwa meħtieġ għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva kif speċifikat fl-Artikolu 1(2) u ***biss bl-awtorizzazzjoni espressa tal-Istat Membru.***

*Emenda*

(c) ***il-pajjiż terz li jirċievi d-dejta għandu li*** jitrasferixxi d-dejta lil pajjiż terz ieħor fil-każ biss li huwa meħtieġ għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva kif speċifikat fl-Artikolu 1(2) u ***meta jintlaħqu dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:***

***(i) it-trasferiment ikun meħtieġ għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni, l-iskoperta jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali;***

***(ii) l-awtorità destinatarka fil-pajjiż terz jew il-korp internazzjonali destinatarku huma responsabbli għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni, l-iskoperta jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali;***

***(iii) l-Istat Membru li mingħandu nkisbet id-dejta jkun ta l-kunsens minn qabel tiegħu għat-trasferiment***

***(iv) il-pajjiż terz jew il-korp internazzjonali kkonċernat l-ieħor jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni għall-iproċessar previst tad-dejta;***

Or. en



## *Ġustifikazzjoni*

*Hu importanti li t-trasferimenti minn pajjiż terz għal ieħor jilhqg l-istandards għoljin ta' protezzjoni tad-dejta.*

### **Emenda 582**

**Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Juan Fernando López Aguilar, Anna Hedh**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt c**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(c) *it-tielet pajjiż* jaqbel li jittrasferixxi d-dejta lil pajjiż terz ieħor fil-każ biss li huwa meħtieġ għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva kif speċifikat fl-Artikolu 1(2) u biss bl-awtorizzazzjoni espressa tal-Istat Membru.

##### *Emenda*

(c) *il-pajjiż terz destinatarju tad-dejta* jaqbel li jittrasferixxi d-dejta lil pajjiż terz ieħor fil-każ biss li huwa meħtieġ għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva kif speċifikat fl-Artikolu 1(2) u biss bl-awtorizzazzjoni espressa tal-Istat Membru.

Or. en

### **Emenda 583**

**Ana Gomes, Marju Lauristin**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt c**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(c) *it-tielet pajjiż* jaqbel li jittrasferixxi d-dejta lil pajjiż terz ieħor fil-każ biss li huwa meħtieġ għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva kif speċifikat fl-Artikolu 1(2) u biss bl-awtorizzazzjoni espressa tal-Istat Membru.

##### *Emenda*

(c) *il-pajjiż terz* jaqbel li jittrasferixxi d-dejta lil pajjiż terz ieħor fil-każ biss li huwa meħtieġ għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva kif speċifikat fl-Artikolu 1(2) u biss bl-awtorizzazzjoni espressa tal-Istat Membru, ***bl-iżgurar tal-livell ta' protezzjoni tad-dejta meħtieġ u tal-iproċessar tiegħu, skont id-Direttiva 95/46/KE.***

Or. en

**Emenda 584**  
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

c) *it-tielet pajjiż* jaqbel li *jitrasferixxi d-dejta* lil pajjiż terz ieħor *fil-każ biss li huwa meħtiegħ għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva kif speċifikat fl-Artikolu 1(2) u biss bl-awtorizzazzjoni espressa tal-Istat Membru.*

*Emenda*

c) *il-pajjiż terz* jaqbel *bil-miktub* li *ma jitrasferixxix id-dejta* lil pajjiż terz ieħor.

Or. fr

**Emenda 585**  
**Kristina Winberg**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*(ca) il-pajjiż terz jippermetti liċ-ċittadini tal-Unjoni, mingħajr dewmien jew spiża eċċessiva, l-istess drittijiet tal-aċċess, ir-rettifika, it-tħassir u l-kumpens fir-rigward tad-dejta tal-PNR li japplikaw fl-Unjoni,*

*Emenda*

Or. en

**Emenda 586**  
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*(ca) il-pajjiż terz jippermetti liċ-ċittadini tal-Unjoni, mingħajr dewmien jew spiża*

*Emenda*

*eċċessiva, l-istess drittijiet tal-aċċess, ir-rettifika, it-tħassir u l-kumpens fir-rigward tad-dejta tal-PNR li japplikaw fl-Unjoni,*

Or. en

**Emenda 587**  
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*ca) qorti jew awtorità amministrattiva indipendenti għandha tivverifika, f'ħin opportun li jitwettqu l-kundizzjonijiet kollha stipulati fil-paragrafi (a), (b) u (c).*

Or. fr

**Emenda 588**  
**Kristina Winberg**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(cb) il-pajjiż terz jiżgura livell ta' protezzjoni għad-dejta tal-PNR li huwa adegwat u paragonabbli.*

Or. en

**Emenda 589**  
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(cb) il-pajjiż terz jiżgura livell ta' protezzjoni għad-dejta tal-PNR li huwa adegwat u paragonabbli; u wkoll***

Or. en

**Emenda 590**  
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt cc (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(cc) jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha stipulati fl-Artikolu 7, mutatis mutandis.***

Or. en

**Emenda 591**  
**Sophia in 't Veld, Nathalie Griesbeck**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***L-Istati Membri ma jistgħux jittrasferixxu dejta tal-PNR lil pajjiżi terzi.***

Or. en

**Emenda 592**  
**Kashetu Kyenge, Miltiadis Kyrkos**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Stat Membru jista' jittrasferixxi dejta tal-PNR i r-riżultati tal-ipproċessar tal-PNR lil pajjiż terz jekk:***

***(a) il-pajjiż terz jissottometti talba raġunata xierqa lill-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 5 tal-Istat Membru kkonċernat;***

***(b) jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha elenkati fil-Paragrafu 1.***

***(c) it-talba motivata għandha tistipula raġunijiet validi għall-kunsiderazzjoni li t-trażmissjoni tad-dejta tal-PNR jew ir-riżultati tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR jistgħu jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-prevenzjoni, l-iskoperta jew il-prosekuzzjoni tar-reat kriminali in kwistjoni.***

***(d) il-qorti jew entità amministrattiva indipendenti tivverifika f'waqtu, li l-kondizzjonijiet kollha fi-paragrafu 2 u s-sottoparagrafi 3(a) u 3(b) jkunu mwettqa.***

Or. en

**Emenda 593**

**Gérard Deprez, Louis Michel, Marielle de Sarnez, Sophia in 't Veld, Frédérique Ries, Charles Goerens**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Talbiet għal trasferimenti lejn pajjiżi terzi jistgħu jiġu indirizzati direttament għall-post uniku stipulat fl-Artikolu 7 ta' din id-Direttiva.***

Or. fr

**Emenda 594**

**Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Juan Fernando López Aguilar, Anna Hedh**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*L-Istati Membri għandhom jittrasferixxu l-PNR lill-awtoritajiet governattivi kompetenti ta' pajjiżi terzi biss taħt termini konsistenti ma' din id-Direttiva u biss wara li jiġi żgurat li l-użu li r-riċevitur bi ħsiebu jagħmel tal-PNR ikun konsistenti ma' dawk it-termini.*

Or. en

**Emenda 595**

**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*It-trasferiment minn pajjiż terz għal ieħor għandu jiġi pprojbit.*

Or. en

**Emenda 596**

**Birgit Sippel, Juan Fernando López Aguilar, Josef Weidenholzer, Caterina Chinnici, Tanja Fajon, Emilian Pavel**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Stat Membru jista' jittrasferixxi dejta tal-PNR ir-riżultati tal-ipproċessar tal-PNR lil pajjiż terz biss jekk:*

*(a) il-pajjiż terz destinatarju tad-dejta għandu jaqbel li ma jittrasferix id-dejta tal-PNR u r-riżultati tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR lil pajjiż ieħor.*

*(b) il-pajjiż terz jissottometti talba raġunata xierqa lill-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 5 tal-Istat Membru kkonċernat;*

*(c) it-talba motivata għandha tistipula raġunijiet validi għall-kunsiderazzjoni li t-trażmissjoni tad-dejta tal-PNR jew ir-riżultati tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR jistgħu jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reat terroristiku jew ta' delitt transnazzjonali serju in kwistjoni. u wkoll*

*(d) li l-qorti tivverifika f'waqtu, li l-kondizzjonijiet kollha fil-paragrafi(a) u*  
*(e) jkunu mwettqa.*

Or. en

**Emenda 597**  
**Sophia in 't Veld, Nathalie Griesbeck**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*L-Unità tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri tista' tittrasferixxi r-riżultati tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR lil pajjiż terz, biss fuq bażi ta' każ b'każ u jekk jintlaħaq ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiż terz għat-trasferiment ta' dik id-dejta skont l-Artikolu 218(6)(a).*

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Relatata ma' tibdil fir-Regolament.*

**Emenda 598**  
**Kashetu Kyenge, Miltiadis Kyrkos**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 8b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*F'każ eċċezzjonali ta' urġenza meta jkun hemm bżonn li jiġi evitat perikolu imminenti assoċjat ma' reat terroristiku jew reat transnazzjonali serju, Stat Membru jista' tittrasferixxi r-riżultati tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR immedjatament fuq l-irċevuta ta' talba minn pajjiż terz sakemm jintlaħqu l-kondizzjonijiet kollha stipulati fis-sottoparagrafi 1a(a) u (b).. F'każ urġenti eċċezzjonali simili, qorti jew entità amministrattiva indipendenti tista' tivverifika biss ex-post jekk il-kondizzjonijiet kollha stipulati fis-sottoparagrafi 1a(a) u (b) jkunu mwettqa, inkluż jekk realment jeżistix każ urġenti eċċezzjonali. Il-verifika ex post għandha ssir mingħajr dewmien żejjed wara l-ipproċessar tat-talba.*

Or. en

**Emenda 599**  
**Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Juan Fernando López Aguilar, Anna Hedh**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 8b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Kwalunkwe trasferiment ta' dejta bħal dan minn pajjiż terz għal ieħor għandu jseħħ skont fehim espliċitu li jinkorpora l-protezzjonijiet tal-privatezza tad-dejta komparabbli ma' dawk applikati għall-PNR mill-Istati Membri kif previst f'din*



*id-Direttiva.*

Or. en

**Emenda 600**  
**Kashetu Kyenge, Miltiadis Kyrkos**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 8c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Meta verifika ex-post bi qbil mal-paragrafu 3 tiddetermina li t-trasferiment tad-dejta tal-PNR jew tar-riżultati tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR ma kienx ġustifikat, il-pajjiż terz għandu jiġi mitlub li jħassar l-informazzjoni kkomunikata mill-Istat Membru.*

Or. en

**Emenda 601**  
**Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Juan Fernando López Aguilar, Anna Hedh**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 8c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Meta Stat Membru jkun konxju li d-dejta tal-PNR relatata ma' ċittadin jew ma persuna residenti ta' Stat Membru qed tiġi trasferita lejn pajjiż terz, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandhom jiġu informati dwar il-kwistjoni mal-ewwel opportunità xierqa li tinholq.*

Or. en

**Emenda 602**  
**Kashetu Kyenge, Miltiadis Kyrkos**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 1d (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data għandu jkun informat kull darba li Stat Membru jittrasferixxi dejta tal-PNR skont dan l-Artikolu. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data għandu jinforma, fuq bażi regolari, lill-Awtorità Superviżorja rigward it-trażmissjoni tad-dejta skont dan l-Artikolu.*

Or. en

**Emenda 603**  
**Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Juan Fernando López Aguilar, Anna Hedh**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 8d (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Meta d-dejta tal-PNR tiġi trasferita lejn pajjiż terz skont din id-Direttiva, għandhom ikunu osservati s-salvagwardji stipulati fil-paragrafi 1 sa 1c.*

Or. en

**Emenda 604**  
**Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Juan Fernando López Aguilar, Anna Hedh**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 8e (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*It-trasferiment ta' dejta tal-PNR lill-pajjiż tal-orġini ta' persuni li talbu, jew li nstab*

*li għandhom bżonn ta' protezzjoni  
internazzjonali għandu jiġi projbit.*

Or. en

**Emenda 605**

**Birgit Sippel, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Josef Weidenholzer, Péter  
Niedermüller, Tanja Fajon, Emilian Pavel**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 8a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Artikolu 8a*

*Derogi*

*1. Meta jeżisti ftehim internazzjonali bejn  
l-Unjoni u pajjiż terz, id-dejta tal-PNR ma  
tistax tiġi trasferita lill-pajjiżi terz  
partikolari, jekk, fil-każ in kwistjoni, l-  
interessi leġittimi tas-soġġett tad-dejta  
għall-prevenzjoni ta' tali trasferiment  
ikunu ogħla mill-interess pubbliku fit-  
trasferiment ta' tali dejta.*

*2. B'deroga għall-Artikoli 8, l-Istati  
Membri għandhom jipprovdu li  
trasferiment ta' dejta personali lil pajjiż  
terz, fin-nuqqas ta' ftehim internazzjonali,  
jista' jsir biss bil-kundizzjoni li:*

*(a) it-trasferiment ikun meħtieġ għall-  
protezzjoni tal-interessi vitali tas-suġġett  
tad-dejta jew ta' persuna oħra; jew*

*(b) it-trasferiment tad-dejta jkun  
essenzjali għall-prevenzjoni ta' theddida  
imminent u serja għas-sigurtà pubblika  
ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz;*

*3. Kull trasferiment ta' dejta tal-PNR u  
tar-riżultati tal-ipproċessar tad-dejta tal-  
PNR lejn pajjiż terz abbażi ta' dan l-  
Artikolu jista' jseħħ biss fuq il-kundizzjoni  
li:*

*(a) il-pajjiż terz jissottometti talba  
raġunata xierqa lill-awtorità kompetenti*

*msemmija fl-Artikolu 5 tal-Istat Membru kkonċernat;*

*(b) it-talba raġunata tistipula raġunijiet raġonevoli biex tkun ikkunsidrata t-trażmissjoni tad-dejta tal-PNR jew tar-riżultati tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR għandha twettaq il-kondizzjoni stipulata fil-paragrafu 2; u wkoll*

*(c) li l-qorti tivverifika f'waqtu, li l-kondizzjonijiet kollha fi-paragrafu 2 u s-sottoparagrafi 3(a) u 3(b) jkunu mwettqa.*

*4. Id-deċiżjoni għat-trasferimenti skont dan l-Artikolu għandha ssir mill-Kap tal-Unità tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri li lilha tkun saret it-talba. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data għandu jkun informat kull darba li jsir trasferiment skont dan l-Artikolu u hu/hi għandu/għandha jinforma lill-awtorità superviżorja ta' tali trasferimenti.*

*5. It-trasferimenti kollha skont dan l-Artikolu għandhom ikunu dokumentati u d-dokumentazzjoni trid issir disponibbli għall-awtorità ta' superviżjoni meta titlobha, inklużi d-data u l-ħin tat-trasferiment, l-infurmazzjoni dwar l-awtorità li tirċeviha, il-ġustifikazzjoni għat-trasferiment u d-dejta trasferita.*

Or. en